MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 852/2002/1

**Daphne Caruana Galizia**

**vs**

**Prickly Pear Communications Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attrici fil-5 ta' April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u disgha u tletin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm639.63) rapprezentanti drittijiet, spejjez u VAT in konnessjoni ma' appalt moghti mis-socjeta` konvenuta ghall-hrug ta' l-edizzjoni tal-Harifa 1999 u Rebbiegha 2000 tar-rivista "Modern Elegance";**
**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata tat-talba, u s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-24 ta' April, 2002, fejn intqal illi t-talba attrici ghandha tigi**

**respinta stante li hija ghal kollox infondata kemm fattwalment u kif ukoll legalment, u b'mod partikolari minhabba s-segwenti:**
**i. Preliminarjament l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2147 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;**

**ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju jinghad inoltre li l-attrici ma esegwietx l-inkarigu mina assunt skond u ai termini tal-kundizzjonijiet kontrattwali taghha;**

**iii. Illi fit-tielet lok, jinghad li l-attrici agixxiet b'negligenza u nuqqas ta' professjonalita` tant li l-konvenuti sofrew dan u inkorrew spejjez addizzjonali per konsegwenza tan-nuqqasijiet taghha;**

**iv. Is-socjeta` konvenuta ghalhekk tirriserva favor taghha li tipprocedi kontra l-attrici ghad-danni sofferti mina;**

**v. Bl-ispejjez kontra l-attrici.**

**Ra li fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2002, id-difensur tas-socjeta` konvenuta irtira l-ewwel eccezzjoni, cioe` dik tal-preskrizzjoni.**

**Ra n-nota prezentata mill-attrici fl-1 ta' Novembru, 2002 li biha rriduciet t-talba ghal hames mija u disgha u disghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm599.63).**

**Semgha x-xhieda ta' Daphne Caruana Galizia, Sarah Borg u Joseph Grixti. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attrici qed titlob hlas in konnessjoni ma' xoghol li sar ghall-hrug ta' l-edizzjoni tar-rivista "Modern Elegance" tal-harifa 1999 u tar-rebbiegha 2000.**

**2. Hi tghid li kienet giet inkarigata mis-socjeta` konvenuta biex taghmel ix-xoghol editorjali u kellha tithallas tlett mija u hamsin lira Maltija (Lm350.00) ghall-kull edizzjoni. Kien hemm spejjez ohra, fuq budget separat, biex jithallsu nies li kienet tinkariga. L-ammont dovut skond l-attrici huwa dwar zewg invoices: cioe` l-invoice datat 6 ta' April, 2000, esibit bhala Dok.DCG2 fl-ammont ta' tlett mija u hamsin lira Maltija oltre VAT li jgib total ta' erba' mija u zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm402.50); kif ukoll l-invoice datat 10 ta' Marzu, 2000, esibit bhala Dok.DCG1 fl-ammont ta' mitejn u sebgha u tletin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm237.13). L-attrici tghid li hi fil-fatt ghamlet l-editorjal ghar-rivista msemmija u ghamlet x-xoghol fir-rigward. Tghid ukoll li kienet iccempel lis-socjeta` konvenuta li kienu jghidulha li ser ihallsuha.**

**3. L-attrici innutat li kien hemm erbghin lira Maltija (Lm40.00 mitluba ghall-Cora Vella, u dawn fil-fatt kienet hallsithom Sarah Borg, u ghalhekk ghamlet in-nota ta' riduzzjoni f'din il-kawza. Hi tinnota li kienet hallset diversi kontributuri fosthom Emma Zammit, Anne Attard, u Fiona Galea Debono.**

**4. Sarah Borg, direttrici tas-socjeta` konvenuta, tghid li hu minnu li wara li ntbaghtu l-invoices l-attrici kienet tghidilha fuq it-telefon biex isir il-hlas, pero` l-istess xhud tghid li hi kienet twegiba li kienet sofriet danni, u kienet kitbitilha f'dan is-sens ukoll.**

**5. Skond ma tghid Sarah Borg, kien hemm diversi kontributuri li hallset ghalihom is-socjeta` konvenuta, u li l-arrangament kien li l-attrici tghaddi l-invoice dwar il-kontributuri lis-socjeta` konvenuta. L-istess xhud dwar il-kont principali tghid li x-xoghol kien sar minnha u mhux mill-attrici peress li din siefret, u tghid li b'hekk is-socjeta` konvenuta wehlet mitejn u sitta u hamsin lira Maltija (Lm256.00) zejda. Dwar il-kontributur Fiona Galea Debono, ix-xhud tghid li din thallset mis-socjeta` konvenuta, kif thallsu ukoll Lou**

**Bondi u Cora Vella. Dawn ta' l-ahhar, cioe` Cora Vella, Lou Bondi u Fiona Galea Debono jirrizulta, mill-fotokopja tac-cekks Dok.SB3 esibit u r-ricevuta Dok.SB4, li dawn thallsu mis-socjeta` konvenuta.**

**6. Jigi rilevat li kien hemm kwistjoni dwar jekk is-socjeta` konvenuta wehlitx penali minn Gutenberg Press. Fil-fatt mix-xhieda ta' Joseph Grixti, Financial Controller ta' Gutenberg Press ikkonferma li s-socjeta` konvenuta qatt ma wehlet penali talli x-xoghol sar tard.**

**7. ix-xoghol li ghamlet l-attrici sar a bazi ta' ftehim esibit bhala Dok.SB9. li fih hemm definit in-natura tax-xoghol li kella taghmel l-attrici, fosthom:**
**"The contractor is to occupy the post of Editor of the magazine by the name "Modern Elegance" and as such she shall carry out all the functions of Editor of such publication as shall be issued or contracted for by the Principal. These responsibilities are restricted with regards fashion features, which fall under the responsibility of the fashion editor, at the time being Mr. Joseph fountain…." (Klawsola 5 tal-ftehim)**
**Inoltre Klawsola 6 ta' l-istess ftehim tistipola:**
**"The contractor shall be responsible for the management and supervision of the editorial contributors……"**
**Filwaqt illi Klawsola 9 tal-ftehim tistipula li l-attrici kellha tassigura li l-materjal ghall-pubblikazzjoni jinghadd fil-hin stipulat. Ir-remunerazzjoni hija dik stipulata fil-Klawsola 11.**

**8. Ghandu jigi rilevat illi l-ftehim ta' bejn il-partijiet, huwa ftehim ta' appalt. Il-materja fir-rigward hi regolata bl-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili, li jipprovdi li:**
**"Min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt ta' appalt, ghalkemm ix-xoghol ikun ga beda, billi jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u x-xoghol kollu tieghu, flimkien ma' somma li tigi meqjusa mill-Qorti, skond ic-cirkostanzi, izda mhux izjed mill-qliegh li l-appaltatur seta' jaghmel b'dak l-appalt."**

**Issa kif inghad mill-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Pio Gauci vs Joseph Cutajar" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta' Mejju, 1989:**
**"Il-Qorti tintendi dan l-artikolu fis-sens illi l-ammont dovut lill-appaltatur irid jigi stabbilit mill-Qorti skond it-tip ta' disdetta ta' l-appalt – mis-semplici motivazzjoni soggettiva – li timporta l-ammont massimu possibbli – ghar-raguni oggettiva pjenament gustifikata mill-htija ta' l-appaltatur."**

**9. F'dan il-kaz, l-unika mankanza li forsi jista' jsib it-Tribunal tirrigwarda li x-xoghol ma nghatax fil-hin, haga pero` li ma gabet ebda konsegwenza negattiva ghas-socjeta` konvenuta, apparti l-fatt li x-xoghol ma kienx kollu jiddependi mill-attrici, stante li hi kienet biss responsabbli ghal hamsin fil-mija tax-xoghol. Altrimenti kif jirrizulta mix-xhieda, l-attrici ghamlet ix-xoghol li kellha taghmel, u hadet hsieb ukoll il-hlas ta' whud mill-kontributuri. Il-fatt li hi kienet Editur tar-rivista, wahdu biss, kien jitfa' certa responsabilita` fuq l-attrici. Ma jirrizultax li r-rivista ma hargitx, jew li kien hemm nuqqas ta' bejgh, jew li s-socjeta` konvenuta wehlet xi penali. Ghalhekk kollox jindika li fil-fatt l-attrici ghamlet dmira u ta' dan ghandha tithallas skond kif stipulat fil-ftehim.**

**10. Dwar il-hlas lill-kontributuri, ossija l-invoice Dok.DCG1, iridu jitnaqqsu l-ammonti dovuti lil Cora Vella fis-somma ta' erbghin lira (vide nota ta' riduzzjoni). Dwar is-somma ta' tnejn u tmenin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm82.43), li s-socjeta` konvenuta qed tghid li thallsu lil Fiona Galea Debono, it-Tribunal innota li r-ricevuta fir-rigward hi datata 10 ta' Marzu, 2000 Dok.SB4, filwaqt li l-invoice esibita mis-socjeta` konvenuta fir-rigward Dok. SB2, iggib id-data tat-28 ta' Dicembru, 2000, u hija ghall-ammont ta' tmenin lira Maltija.**

**11. Ghalhekk it-Tribunal qed jaccetta li fil-fatt l-attrici sburzat ghall-kontributuri s-somma ta' mija u sebgha u disghin lira Maltija u tlettax-il centezmu (Lm197.13).**

**12. Ghalhekk jigi li l-attrici fil-fatt ghandha tithallas minghand is-socjeta` konvenuta is-somma ta' hames mija u disgha u disghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm599.63).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' hames mija u disgha u disghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm599.63), u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attrici s-somma msemmija ta' hames mija u disgha u disghin lira Maltija u tlieta u sittin centezmu (Lm599.63) bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' April, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------